Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Nico Zarb)

(Spettur Jonathan Cassar)

vs

Helman David Giraldo Oyola

Kumpilazzjoni Numru: 241/2025

Illum, 1 ta' April, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkużi miġjuba kontra Helman David Giraldo Oyola detentur tal-passaport Kolombjan bin-numru BA228051 akkużat talli fl-għaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025),

għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00Hrs) u l-ħamsa ta' bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00Hrs) u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00Hrs) minn ġewwa 'Greens Supermarket', Tal-Ibraġġ Road, Swieqi, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq sempliċi ta' 'prodotti bl-imnut' u/jew xi affarjiet oħra, għad-detriment ta' Greens Supermarket u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra; Artikolu 284 u 285 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

U akkużat ukoll talli fit-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00Hrs) u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00Hrs) ġewwa 'Greens Supermarket', Tal-Ibraġġ Road, Swieqi, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħa jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz

*Art. 95 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li iqiegħed il-ħajja tas-Surġent tal-Pulizija **PS1023 Fabrizio Farruġia** f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħhu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa kif ċċertifikat minn Dott. Ryan Borġ M.D. Med Reg Nru 4451;

   *Art. 214, 215, 221 (1) u 222 1 (c) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

4. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS1023 Fabrizio Farruġia, PC941 Ryan Agius Said u PC2070 Cliffton Agius uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliex jaqdu, jew fixkel jew indaħal lil imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

   *Art.338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

5. Ħebb kontra **PS1023 Fabrizio Farruġia** sabiex jinġurjah, idejjqu jew jgħamillu ħsara;

   *Art. 339 (1) (d) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. Għamel lil **PS1023 Fabrizio Farruġia** inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
   *Art. 339 (1) (e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.
   Art.338(dd) *tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi il-Qorti ġiet ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża, u ċioe' ta' **PS1023 Fabrizio Farruġia**, u jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużati skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ta' ħtija, il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u l-familja tiegħu, ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba tapplika kull artikolu li jassigura l-kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittma in relazzjoni tal-offiżi relevanti.

Rat id-dokumenti;

Semgħet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati 284, 285, 95, 214, 215, 221(1), 222 1(c), 338(ee), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd), 412C, 382A, 383, 384, 385, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni tal-akkużi kif dedotti kontrih u wkoll reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li ngħata żmien raġonevoli sabiex jaħsibha;

Stante li l-imputat ammetta għall-akkużi fi stadju bikri qed issib lill-imputat Helman David Giraldo Oyola ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah għal piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija li qed jiġu sospiżi għal tliet (3) snin, flimkien ma' multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

Finalment spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat Helman David Giraldo Oyola r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tiġix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**